**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, POALA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal- Laqgħa Nru. 7/2010

Data u hin

**Il- laqgħa Nru 7/2010 tal- Ewwel Amministrazzjoni saret nhar il-Hamis, 16 ta' Dicembru, 2010 fis-6pm fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

Attendenza

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **President, Sindku Tarxien** |
| **Dr Alexei Dingli** | **Sindku Belt Valletta** |
| **Is-Sur Joseph Casha** | **Sindku Isla** |
| **Is-Sur Dominic Agius** | **Sindku Zabbar** |
| **Is-Sur Anthony Degiovanni** | **V/Sindku Fgura** |
| **Is-Sur Nigel Holland** | **Sindku Furjana** |
| **Is-Sur Mario Calleja** | **Sindku M'Scala** |
| **Is-Sur Stephen Caruana** | **Sindku M'Xlokk** |
| **Is-Sinj. M'Lourdes Lautier** | **Segretarju Ezekuttiv** |

**Skuzati**
**Sindku – Kunsill Lokali Bormla**
**Sindku – Kunsill Lokali Zejtun**
**Sindku – Kunsill Lokali Kalkara**
**Sindku – Kunsill Lokali Poala**

**Assenti**
**Sindku – Kunsill Lokali Birgu**
**Sindku – Kunsill Lokali Marsa**
**Sindku – Kunsill Lokali Xghajra**

**Il-President, l-Kav. P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 7.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**7.1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.5/2010 mizmuma fit-2 ta' Novembru, 2010, u tal-Laqgha Nru.6/2010 mizmuma fil-25 ta' Novembru 2010, kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kumitat jekk kienux korretti.

7.1.2 Il-Vici Sindku tal-Fgura, hawnhekk ressaq mozzjoni sabiex issir korrezzjoni fis-sens illi rigward Artiklu 5.2.3 LES fejn gie kwotat li s-Sindku tal-Furjana kien qal li jidher li l-LES ser thalli gid tangibbli, fil-fatt ried jigi indikat li waqt id-diskussjoni inghad li r-Regjun kien ser ikollu dhul tangibbli minn din is-sistema. Din il-mozzjoni gie issekondata mis-Sindku tal-Furjana.

Mozzjoni Korrezzjoni tal-Minuti

Il- Kumitat approva l-Minuti li ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 7.2 Punti mqajjma mill-Kommunikazzjoni

7.2.1 Rigward l-applikazzjoni li ser tagħmel Malta għall-Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018, il-President heggeg lil dawk prezenti biex jippartecipaw ghal-beneficcju tar-Regjun li jkun allura parti mit-titlu ta' Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018, bbażat fuq diversi mudelli oħra ta' Bliet Ewropej tal-Kultura, u li għandu l-appoġġ tal-partiti politiċi ewlenin f'Malta. Il-President semma l-gid u l-fondi mill-Unjoni Ewropeja li bbenfikaw minnhom Hensilki (Fillandia) u Pecs (Ungerija), bliet li kien ghadu kemm zarhom ricenti fil-laqghat li kellu bhala membru tal-Kumitat tar-Regjuni. Barra minn hekk is-Sindku tal-Belt Valletta semma li fl-2017 Malta ser ikollha l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea.

Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018

7.2.2 Il-President semma e-mail li ntbaghtet mid-Dipartiment lir-Regjun dwar Trackless Trains f' Marsaxlokk u San Pawl il-Bahar. Il-President issugerixxa li ghandu jkun hemm ukoll track Regjonali, kif ukoll f' zoni Regjonali partikolari, imhaddma fuq parametri u sistemi addatati fuq skala Regjonali.
Il-Vici-Sindku tal-Fgura ssugerixxa li kull Kunsill Lokali ghandu jara l-parametri u fil-laqgha Regjonali li jmiss jghatu feedback, u li jkun hemm trains kemm li ma jieqfux kif ukoll li jieqfu.
Dawk prezenti kollha qabblu li din l-ideja tkun ta' gid kemm ghar-Regjun izda specjalment ghall-Kunsilli Lokali bi skop li din ikollha impatt kulturali kif ukoll kummercjali fil-lokal.

Trackless Trains

7.2.3 **LES**
Il-President irrefera ghal e-mail mibghuta lill-President AKL, punt li anke tqajjem minnhu waqt meeting tal-LES, li qabel il-hrug tat-tender, ir-Regjun ghandu jiehu parir legali dwar it-tender. Il-President tal-AKL infurmah li ma kienx baqa zmien u li wkoll iqum il-flus.

LES

7.2.4 **Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun Xlokk**

Ufficju Amministrattiv

Il-President ghal darba ohra ilmenta li r-regjun ma jistax jibqa jopera mill-Ufficcju Amminisatrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal-

Tarxien.

Tenna li r-Regjun ghandu jkollu Ufficcju Amministrattiv tieghu u li bi hsiebu johrog sejha ghal-kiri ta' fond adekwat u jippreferi li dan ikun f' Hal-Tarxien, ghalkemm is-Sindku tal-Furjana xtaq li jkun fil-Furjana; hadd minn dawk prezenti m' oggezzjona ghall-proposta tal-President.

## 7.3 Affarijiet Finanzjarji

**7.3.1** **Pagamenti ghax-xhur ta' Novembru u Dicembru 2010** Pagamenti
Il-President ressaq ghall-attenzjoni tal-Kumitat Schedule of Payments, ghax-xahar ta' Novembru 2010 u ghax-xahar ta' Dicembru 2010, markat Dok '**SP1**'u li gew approvati minn dawk prezenti.

**7.3.2** Dawk prezenti gew magharfa mill-President, li d-Dipartiment kien ghadu kemm ghadda lir-Regjun is-somma ta' €5000 sabiex jkunu koperti spejjez amministrattivi ghax-xhur li gejjin (e-mail mibghuta mis-Sur S Frendo fl-14 ta' Dicembru 2010**).** Allokazzjoni ta' flus ghar-Regjun

**7.3.2** Dwar il-hlas dovut lill-Agent Segretarju Ezekuttiv, il-President qal li dan ghandu jithallas ta' 40 siegha xoghol bir-rata kif stabbilita skond Artiklu 7 tar-Regolamenti Dwar Kunsilli Lokali (Rizorsi Umani) Avviz Legali 127 tal-1998. Kien hemm qbil Nem Cons. Hlas lill-Agent Seg. Ezekuttiv tar-Regjun

**7.3.4** Peress li ir-Regjun dalwaqt ser jibda jiggenera dhul sostanzjali, il-President issugerixxa li fil-qrib issir is-sejha ghall-Accountant. Servizz ta' Accountant
Il-Vici Sindku Fgura issugerixxa li ghandha ssir sejha ta' expression of interest indikanti hlas a) ta' kull siegha; (b) annwali; kif ukoll (c) bhala retainer (jitqabbad skond il-htiega).

**7.3.5** Il-President talab li r-Regjun ikollu servizz ta' Internet Banking (Read Only) liema talba giet approvata minn dawk prezenti. Internet Banking

## 7.4 Affarijiet Ohra

**7.4.1** Rigward it-tnidija tal-process ghall-kompetizzjoni ta' Logo ghar-Regjun, il-Vici Sindku tal-Fgura enfasizza li din ghandha ssir b' certu serjeta u b' publicita' addatata, fejn jigi promoss partikolarment l-identita tar-Regjun, u l-process ghandu jservi ta' propaganda ghar-Regjun. Kompetizzjoni Logo ghar-Regjun
Is-Sindku tal-Furjana issugerixxa li r-Regjun ghandu jibda l-process b' pass u ambitu wiesgha.
Il-President issugerixxa li ghandu jinhatar sotto-kumitat f' dan ir-rigward.

Il-Vici Sindku tal-Fgura ressaq mozzjoni fejn qal li ghandu jinhatar dan is-sotto-kumitat biex imexxi din il-Kompetizzjoni. Ghal dan il-ghan ghandhom jigu avzati s-Sindki Regjonali kollha permezz ta' e-mail sabiex dan is-sotto-kumitat jigi mahtur fil-laqgha Regjonali li jmiss; ghalhekk min hu vera interessat li jkun membru ta' dan is-sotto-kumitat ghat-tnedija tal-identita' ta' l-emblema ta' dan ir-Regjun ikun avzat ferm qabel u dan barra li tkun fuq l-Agenda li jmiss. Il-mozzjoni giet issekondata mis-Sindku ta' Haz-Zabbar. Mozzjoni

**7.4.2** Il-President tkellem dwar tnaqqis ta' emissisjonijiet u ssugerixxa li jitwaqqaf progett Regjonali ta' sistema Photovoltaic Units fejn kull Kunsill Lokali ghandu janalizza s-sitwazzjoni partikolari tieghu waqt li jidentifika post pubbliku addatat fejn dawn jistghu jigu stallati, b'involviment tac-cittadini u/jew bil-partecipazzjoni ta' Public Private Partnership. Bi progett bhal dan, ic-cittadini Regjonali jibbenifikaw u jitnaqqsu wkoll l-emmissjonijiet b' target ta' 20% sabiex ikunu konformi mal-Patt tas-Sindki. Photovoltaic System

Kull min iffirma l-Patt tas- Sindki ghandu r-rapport ta' Azzjoni (Sustainable Energy Action Paln) SEAP u ghaldaqstant ghandu dettalji ta' x' hemm bzonn isir fil-lokalita' partikolari.

Il-Vici-Sindku tal-Fgura ssugerixxa li ghanda tinkiseb informazzjoni dwar il-htigijiet tal-energija tar-Regjun, kif imsemmi fil-Patt tas-Sindki, waqt li tigi mfassla Policy Regjonali addatata.

Il-President heggeg lil dawk il-Kunsilli mhux imsiehba fil-Patt tas-Sindki biex jaghmlu mezz li jissiehbu.

Hekk ir-Regjun jiggenera energija permezz ta' din is-sistema Photovoltaic u b' impenn ghaqli li jnaqqas l-emissjonijiet u fl-istess hin ic-cittadin jifranka mill-hlas tal-kontijiet tad-dawl.

**7.4.3** Is-Sindku tal-Belt Valletta ssugerixxa li jkun ta' gid ghar-Regjun jekk jerggha jibda s-servizz ta' trasport bil-lanca fil-Port il-Kbir, b'mod partikolari bejn il-Belt Valletta, il-Furjana u l-Kottonera. Servizz ta' Trasport bil-Lanca fil-Port il-Kbir

Dawk prezenti qabblu u sar suggeriment mill-President li dawn il-lanec ghandhom ikunu jahdmu b' energija nadifa, biex b' hekk barra li jinqdew ic-cittadini u t-turisti, jigu mnaqssna l-emissjonijiet. Dan jawgura tajjeb hafna lir-Regjun li ghadu fl-stadju inizjali tieghu.

**7.4.4** Is-Segretarju Ezekuttiv resqet talba sabiex titrasferi 48 (tmienja w erbghin) siegha Vacation leave mill-entitlement taghha ghas-sena 2010 ghas-sena ddiehla. Dawk kollha prezenti approvaw din it-talba. Vacation Leave Seg.Ezekuttiv

## Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar, 2011 fis-6.00pm fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**President**

**M L Lautier**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti Approvati llum _________________, _______ ta'____________________2010.
(Jum) (Data) (Xahar)